

Brussell, 2 ta' Lulju 2019
(OR. en)

10157/19

ECOFIN 612
UEM 215
SOC 464
EMPL 353
COMPET 493
ENV 583
EDUC 299
RECH 332
ENER 336
JAI 693
FSTR 115
REGIO 151

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	9928/19 - COM(2019) 504 final
Suġġett:	Rakkomandazzjoni għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2019 tad-Danimarka u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tal-2019 tad-Danimarka

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni tal-Kunsill imsemmi hawn fuq, kif rivedut u maqbul minn diversi kumitati tal-Kunsill, abbażi tal-Proposta tal-Kummissjoni COM(2019) 504 final.

RAKKOMANDEZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tad-Danimarka għall-2019 u li tagħti l-opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Konverġenza tad-Danimarka għall-2019

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tishiĥ tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika,

¹ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

Billi:

- (1) Fil-21 ta' Novembru 2018, il-Kummissjoni adottat l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir, li ta bidu għas-Semestru Ewropew biex tiġi kkoordinata l-politika ekonomika għall-2019. Qieset kif dovut il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, kif ipproklammat mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fis-17 ta' Novembru 2017. Il-prijoritajiet tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir ġew approvati mill-Kunsill Ewropew fil-21 ta' Marzu 2019. Fil-21 ta' Novembru 2018, abbażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, li fih hija ma identifikatx lid-Danimarka bħala wieħed mill-Istati Membri li dwaru kellha titwettaq analiżi fil-fond.
- (2) Ir-rapport tal-pajjiż tal-2019 għad-Danimarka ġie ppubblikat fis-27 ta' Frar 2019. Ġie vvalutat il-progress li għamlet id-Danimarka biex tindirizza r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati mill-Kunsill fit-13 ta' Lulju 2018³, is-segwitu li ngħata għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż adottati fis-snin preċedenti u l-progress tad-Danimarka biex tilħaq il-miri nazzjonali tagħha tal-Ewropa 2020.
- (3) Id-Danimarka ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2019 fil-15 ta' Marzu 2019 u l-Programm ta' Konverġenza tagħha tal-2019 fl-10 ta' April 2019. Sabiex jitqiesu r-rabtiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati fl-istess waqt.

² Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

³ ĠU C 320, 10.9.2018, p. 16.

- (4) Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi rilevanti għall-pajjiż ġew indirizzati waqt l-ipprogrammar tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej ("Fondi SIE") għall-perijodu 2014-2020. Kif previst fl-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴, fejn ikun meħtieġ li jingħata sostenn għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stat Membru li jirrieżamina l-Ftehim ta' Sħubija u l-programmi rilevanti tiegħu u jipproponi emendi għalihom. Il-Kummissjoni pprovdiet iktar dettalji dwar kif tista' tagħmel użu minn din id-dispożizzjoni fil-linji gwida dwar l-applikazzjoni tal-miżuri li jorbtu l-effettività tal-Fondi SIE ma' governanza ekonomika tajba.
- (5) Attwalment, id-Danimarka tinsab fil-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Fil-Programm ta' Konverġenza tiegħu għall-2019, il-gvern jippjana defiċit nominali ta' 0,1 % tal-prodott domestiku gross (PDG) għall-2019 u l-2020. Ibbażat fuq il-bilanċ strutturali kkalkulat mill-ġdid⁵, l-oġettiv baġitarju ta' terminu medju — defiċit strutturali ta' 0,5 % tal-PDG — qed ikompli jiġi ssuperat matul il-perijodu tal-programm sal-2025. Skont il-Programm ta' Konverġenza għall-2019, il-proporzjon tad-dejn pubbliku ġenerali mal-PDG huwa mistenni jinżel għal 33,4 % fl-2019 u jibqa' stabbli fl-2020, qabel jiżdied għal 37,8 % tal-PDG sal-2025. Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed dawn il-projezzjonijiet baġitarji huwa plawżibbli matul il-perijodu ta' programmar. Abbażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2019 tal-Kummissjoni, il-bilanċ strutturali huwa previst li jirreġistra surplus ta' 0,9 % tal-PDG fl-2019 u ta' 1,0 % tal-PDG fl-2020, 'il fuq mill-oġettiv baġitarju fit-terminu medju. Ir-riskji huma relatati ma' tnaqqis fid-dħul minn komponenti volatili, b'mod partikolari t-taxxa ta' qligħ mill-fondi tal-pensjoni. Kumplessivament, il-Kunsill huwa tal-opinjoni li d-Danimarka hija mistennija li tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fl-2019 u l-2020.

⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320).

⁵ Il-bilanċ aġġustat b'mod ċikliku nett għall-miżuri ta' darba u temporanji, kif ikkalkulat mill-ġdid mill-Kummissjoni bl-użu tal-metodoloġija miftiehma b'mod komuni.

- (6) Is-sistema tar-riċerka u l-innovazzjoni tad-Danimarka hija kkaratterizzata minn livelli għolja ta' investiment, bażi qawwija ta' riżorsi umani u eċċellenza xjentifika. Madankollu, ix-xenarju tar-riċerka u l-innovazzjoni fid-Danimarka huwa kkonċentrat f'għadd relattivament żgħir ta' atturi bħal ditti u fondazzjonijiet kbar, l-aktar fis-setturi tal-farmaċewtika u l-bijoteknoloġija, li jagħmlu s-sistema tar-riċerka u l-innovazzjoni potenzjalment vulnerabbli għax-xokkijiet esterni. Għalhekk, jidher li hemm lok għal titjib fl-investiment fit-tkabbir ta' kumpaniji innovattivi ħafna.
- (7) L-iżgurar tal-provvista ta' ħaddiema fi żminijiet ta' bidliet demografiki u teknoloġiki u l-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema, b'mod partikolari ta' ħaddiema tas-sengħa u ta' speċjalisti tal-ICT, huwa essenzjali biex jitrawwem tkabbir sostenibbli u inklużiv fid-Danimarka. Ir-riformi u l-investimenti li jtejbju l-attrattività u b'hekk iżidu r-rati ta' parteċipazzjoni fl-educazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, x'aktarx li jkollhom impatt pożittiv fuq il-provvista ta' ħaddiema tas-sengħa. L-investimenti kontinwi fit-tagħlim tal-adulti u t-tagħlim tul il-ħajja u l-ħiliet diġitali jistgħu jgħinu wkoll fl-indirizzar ta' din l-isfida. Barra minn hekk, ikun ta' benefiċċju li wieħed jiffoka fuq integrazzjoni aħjar ta' gruppi emarġinati u żvantaġġati fis-suq tax-xogħol. Dan għandu x'jaqsam b'mod partikolari maż-żgħażaġh li għandhom livell baxx ta' edukazzjoni, il-persuni bi sfond ta' migrazzjoni, il-persuni b'kapaċitajiet ta' xogħol imnaqqsa u l-persuni b'diżabilità. Barra minn hekk, il-prestazzjoni edukattiva tat-tfal bi sfond ta' migrazzjoni għadha sfida.
- (8) Minkejja toroq ta' kwalità għolja, il-konġestjoni fit-toroq qed tiżdied, b'mod partikolari madwar il-bliet il-kbar. Barra minn hekk, jeħtieġ li s-settur tat-trasport jiġi dekarbonizzat, li jindika opportunitajiet ta' investiment f'infrastruttura tat-trasport sostenibbli sabiex is-settur tat-trasport jiġi dekarbonizzat u tiġi indirizzata l-konġestjoni fit-toroq, inkluż l-introduzzjoni ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi. Il-gvern li wasal fi tmiem il-mandat tiegħu ressaq pjan biex titnaqqas il-konġestjoni madwar l-ibliet li huma akbar. L-adozzjoni ta' dak il-pjan, li jalloka DKK 112-il biljun (kważi 6 % tal-PDG) mill-2020 sal-2030, għadha pendent.

- (9) Filwaqt li l-livell ta' produttività fl-ekonomija Daniża jibqa' fost l-ogħla fl-Unjoni, it-tkabbir tal-produttività ilu jonqos għal għexieren ta' snin. Il-kumpaniji esportaturi juru tkabbir ogħla fil-produttività minn kumpaniji protetti mill-kompetizzjoni ma' kumpaniji barranin. Filwaqt li d-Danimarka ħadet miżuri biex tappoġġa t-tkabbir fil-produttività ta' kumpaniji f'setturi tas-servizzi li huma orjentati domestikament, it-tkabbir tal-produttività u l-kompetizzjoni f'dawn is-setturi għadhom lura. Id-Danimarka implimentat miżuri biex issaħħaħ il-kompetizzjoni fis-settur finanzjarju u kompliet timplimenta l-istrateġija tal-utilitajiet.
- (10) Wara bosta snin ta' rata għolja ta' tkabbir, il-prezzijiet tad-djar jidhru sopravvalutati, partikolarment fiż-żoni urbani ewlenin. Madankollu, iż-żidiet fil-prezzijiet tad-djar immoderaw fl-2018. Barra minn hekk, minkejja tnaqqis kontinwu, il-proporzjon tad-dejn tal-unitajiet domestiċi mal-introjtu disponibbli jibqa' l-ogħla fl-Unjoni. Is-sehem tas-self ipotekarju b'rati tal-imgħax varjabbli u l-amortizzament differit qiegħed jonqos gradwalment, iżda għadu għoli. Jidher li miżuri makroprudenzjali ġodda rażżnu ż-żieda f'self ipotekarju ġdid bi proporzjon ta' dejn-introjtu u proporzjon bejn is-self u l-valur għoljin ħafna. F'dawn l-aħħar snin, l-awtoritajiet Daniżi attivaw ukoll il-bafer kapitali kontroċikliku u implimentaw miżuri biex iżidu r-reżiljenza tal-banek, u adottaw riforma tat-taxxa fuq il-proprjetà (effettiva mill-2021) biex itemmu s-sistema proċiklika tat-taxxa fuq il-proprjetà. Madankollu, il-kombinazzjoni ta' proporzjonijiet għoljin ħafna tas-self mal-introjtu, id-dejn għoli b'sensittività għolja tar-rati tal-imgħax u l-prezzijiet tad-djar sopravvalutati, joħolqu riskji għall-istabbiltà ekonomika u finanzjarja u għalhekk huwa ġġustifikat monitoraġġ kontinwu.
- (11) Il-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu saret prijorità għad-Danimarka fl-isfond ta' skandlu kbir dwar il-ħasil tal-flus li jinvolvi l-akbar istituzzjoni finanzjarja fid-Danimarka. Il-Parlament Daniż laħaq ftehimiet politiċi dwar it-tiżiħ tas-superviżjoni u dwar pakkett ġdid kontra l-ħasil tal-flus, li jinkludi strateġija għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. L-istrateġija tistrieħ fuq tmien pilastri, li jinkludu t-tiżiħ tal-kooperazzjoni bejn is-superviżuri, l-unità tal-intelligence finanzjarja u partijiet konċernati rilevanti oħra. Madankollu, l-isfidi għadhom preżenti u s-superviżur finanzjarju għad irid jadotta miżuri u linji gwida addizzjonali dwar kif għandha tissaħħaħ is-superviżjoni f'dawn l-oqsma. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni għall-implimentazzjoni effettiva ta' dawn il-miżuri, ladarba jiġu adottati.

- (12) L-ippogrammar tal-fondi tal-Unjoni għall-perijodu 2021-2027 jista' jgħin biex jiġu indirizzati xi wħud mil-lakuni identifikati fir-rakkomandazzjonijiet, b'mod partikolari fl-oqsma koperti mill-Anness D tar-rapport tal-pajjiż tal-2019. Dan jippermetti li d-Danimarka tagħmel l-aħjar użu minn dawn il-fondi fir-rigward tas-setturi identifikati, filwaqt li tqis id-differenzi reġjonali.
- (13) Fil-kuntest tas-Semestru Ewropew għall-2019, il-Kummissjoni wettqet analiżi komprensiva tal-politika ekonomika tad-Danimarka u ppubblikatha fir-rapport tal-pajjiż għall-2019. Hija vvalutat ukoll il-Programm ta' Konverġenza għall-2019, il-Programm Nazżjonali ta' Riforma għall-2019 u s-segwitu mogħti għar-rakkomandazzjonijiet indirizzati lid-Danimarka fi snin preċedenti. Il-Kummissjoni mhux biss qieset ir-rilevanza tagħhom għal politika fiskali u soċjoekonomika sostenibbli fid-Danimarka imma qieset ukoll il-konformità tagħhom mar-regoli u mal-gwida tal-Unjoni, fid-dawl tal-ħtieġa li tissaħħaħ il-governanza ekonomika kumplessiva tal-Unjoni billi jingħata kontribut fil-livell tal-Unjoni għad-deċiżjonijiet nazżjonali futuri.
- (14) Fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Konverġenza tal-2019 u huwa tal-opinjoni⁶ li d-Danimarka mistennija tkun konformi mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir,

B'DAN JIRRAKKOMANDA li d-Danimarka tieħu azzjoni fl-2019 u fl-2020 biex:

1. Tiffoka l-politika ekonomika marbuta mal-investment fuq l-edukazzjoni u l-ħiliet, u r-riċerka u l-innovazzjoni, biex twessa' l-bażi tal-innovazzjoni biex din tinkludi aktar kumpaniji, u fuq it-trasport sostenibbli biex tindirizza l-konġestjoni fit-toroq.
2. Tiżgura superviżjoni effettiva u l-infurzar tal-qafas kontra l-ħasil tal-flus.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President

⁶ Skont l-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97.